## ID-DAĦKA TAR-REBBIEĦ

*Kien għadu fl-aħjar tiegħu*
*U mimli enerġija,*
*Il-Kotra ġabar miegħu,*
*U wegħidha dawl u dija,*
*Wegħidha hena w paċi,*
*Ħidma u flus qatigħ,*
*U l-Kotra emmnet kliemu*
*U t-tama qiegħdet fih.*

*Fil-pjazez u fit-toroq*
*Agħjat, ċapċip ta' nies,*
*Tixjir, tixjir ta' bnadar*
*F'sakra ta' ferħ bla qies.*
*"Int kbir," għajtet il-Kotra,*
*"Int biss trid tkun għalina,*
*Warajk issibna dejjem*
*Għax int ma tidħakx bina."*

*U f'dal-ġenn kollu ħolom*
*Li ħadd ma jista' għalih,*
*Fuq wiċċu dehret tilma*
*Id-daħka tar-rebbieħ.*

*Għaddew is-snin, u l-fehma*
*Tbiddlet mill-lejl għan-nhar,*
*Ma' l-art, fit-tajn mirfusa,*
*Iġġarrfu l-wegħdiet kbar.*
*Il-Kotra xenglet rasha*
*U rat x'għamlet b'idejha,*
*Kienet refgħitu fl-għoli,*
*Dawritlu mbagħad spallejha.*

*U waqa' hekk kif taqa'*
*Siġra mqaċċta mill-qiegħ.....*
*F'għajnejh ma baqgħetx tilma*
*Id-daħka tar-rebbieħ.*

24/9/50 — GUŻE' CHETCUTI.